

Brussell, 13 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14185/23

CLIMA 473  
ENV 1119  
MAR 123  
MI 856  
ONU 77  
DELECT 154

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 6748 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 12.10.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għar-rappurtar u s-sottomissjoni tad- <i>data</i> aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 6748 final.

Mehmuż: C(2023) 6748 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.10.2023  
C(2023) 6748 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 12.10.2023**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tar-regoli għar-rappurtar u s-sottomissjoni tad-*data* aggregata dwar l-  
emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2023/957 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE, ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-16 ta' Mejju 2023 u daħal fis-seħħ għoxrin jum wara dan.

L-għan tar-Regolament (UE) 2023/957 huwa li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Esperti tal-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima fis-27 ta' Marzu 2018. Għat-tħejjija ta' dan ir-Regolament Delegat, saru laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima fis-17 ta' April, fl-4 ta' Mejju u fil-31 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll mal-Forum Ewropew dwar it-Trasport Marittimu Sostenibbli permezz ta' laqgħat konġunti mal-Grupp ta' Esperti tal-Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li saru fl-4 ta' Mejju u fil-31 ta' Mejju 2023.

Id-dokumenti rilevanti għal-laqgħat ġew trażmessi simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1</sup>. L-osservazzjonijiet espressi mill-grupp ta' esperti tqiesu fit-tħejjija tal-abbozz tar-Regolament Delegat.

Barra minn hekk, il-feedback online dwar it-test tar-Regolament Delegat inġabar fuq il-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar għal 4 ġimgħat bejn it-03/08/2023 u l-31/08/2023. Tressqu sitt kontribuzzjonijiet, tnejn miċ-ċittadini, tnejn minn assoċjazzjonijiet tan-negozju, waħda mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u waħda mill-kategorija ta' interessi oħra.

Diversi assoċjazzjonijiet tan-negozju attivi fis-settur marittimu esprimew tħassib dwar il-piż amministrattiv mistenni u d-duplikazzjoni potenzjali tal-attivitajiet ta' verifika li jirriżultaw mill-obbligu li l-kumpaniji jissottomettu *data* aggregata vverifikata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. F'dan ir-rigward, assoċjazzjoni waħda tan-negozju ssuġġeriet li tiżdied deroga minn tali obbligu għall-kumpaniji b'bastiment wieħed fil-flotta tagħhom. Il-Kummissjoni ma implimentatx dan is-suġġeriment peress li r-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji huwa obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) 2015/757 kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/957. F'termini aktar ġenerali, jenħtieġ li ma jkun hemm ebda duplikazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika. Tabilħaqq, fir-rigward tal-verifika tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, l-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) 2015/757 kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/957 diġà jiċċara li l-verifikatur jenħtieġ li ma jivverifikax ir-rapporti dwar l-emissjonijiet ta' kull

<sup>1</sup> Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

bastiment taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, biħsiebha tiżviluppa aktar l-ambjent tal-IT THETIS-MRV sabiex tappoġġa lill-kumpaniji u lill-utenti tas-sistema fl-obbligi ta' rappurtar tagħhom bl-aħjar mod possibbli, li għandu jikkontribwixxi biex jiġi limitat il-piż amministrattiv.

Organizzazzjoni mhux governattiva waħda laqgħet b'mod kumplessiv dan ir-Regolament Delegat bħala pass lejn aktar responsabbiltà u tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport marittimu, filwaqt li għamlet diversi kummenti fir-rigward taċ-ċarezza, l-akkuratezza, il-privatezza u l-verifika tad-*data*, tal-allinjament mal-istandards internazzjonali, tal-korrezzjoni tad-*data* dwar l-emissjonijiet u l-bini tal-kapaçità. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-biçça l-kbira tal-elementi li ssemwew f'dan il-kuntest, b'mod partikolari dawk relatati mal-monitoraġġ, il-pubblikazzjoni u l-verifika tad-*data*, huma indirizzati fir-Regolament (UE) 2015/757 u fl-atti ta' implimentazzjoni u delegati relatati. Fir-rigward tal-bini tal-kapaçità, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, se torganizza webinars u se tikkondividi materjal online sabiex tqajjem kuxjenza u tassisti lill-partijiet ikkonçernati kollha involuti fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757.

Diversi kummenti li waslu kienu jikkonsistu f'feedback fir-rigward tal-metodi għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dawk il-kummenti ma kinux relatati direttament mal-kontenut ta' dan ir-Regolament Delegat; għaldaqstant, il-Kummissjoni ma implimentatx dawk is-suġġerimenti.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament (UE) 2023/957 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali. L-Artikolu 11a(4) tar-Regolament (UE) 2015/757 rivedut jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dak ir-Regolament bir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-preżentazzjoni tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli. Għalhekk, dan ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jispjega dawn ir-regoli.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 12.10.2023

### li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għar-rappurtar u s-sottomissjoni tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11a(4) tagħha,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għar-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji fit-trasport marittimu, kif ukoll għas-sottomissjoni tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli.
- (2) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll regoli għad-determinazzjoni tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji mill-awtorità amministrattiva responsabbli f'sitwazzjonijiet speċifiċi, bħal meta ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda *data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji mill-kumpanija lill-awtorità amministrattiva responsabbli sal-iskadenza.
- (3) L-entitajiet responsabbli għall-konformità mar-Regolament (UE) 2015/757 u mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> iridu jiġu identifikati b'mod ċar il-ħin kollu. Għal dan l-għan, u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-koerenza fl-amministrazzjoni u l-infurzar, ir-Regolament (UE) 2015/757 jipprevedi li l-istess entità trid tkun responsabbli għat-tnejn li huma. Minkejja dan, fil-kuntest tar-rieżami

-

<sup>2</sup> ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55.

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

tar-Regolament (UE) 2015/757, jenħtieġ li tiġi vvalutata l-konsistenza ta' tali approċċ ma' politiki u Prattiki internazzjonali oħra tal-UE u, meta jkun xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni tar-Regolament (UE) 2015/757.

- (4) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll il-konsistenza tal-klassifikazzjoni zero tal-bijomassa, b'mod partikolari tal-bijomassa bbażata fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf, fid-Direttiva 2003/87/KE ma' politiki oħra tal-UE, u, meta jkun xieraq, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel proposta biex tirrevedi l-leġiżlazzjoni rilevanti.
- (5) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, li għandha tinkludi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu mill-perjodu ta' rappurtar li jibda fl-1 ta' Jannar 2024, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Regoli għar-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji**

1. Il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-awtorità amministrattiva responsabbli d-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji kkalkulata f'konformità mar-regoli ta' monitoraġġ imsemmija fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757.
2. Il-kumpaniji għandhom jinkludu fid-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) *data* li tidentifika l-kumpanija u l-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija, kif ġej:
    - (i) l-isem u l-indirizz tal-kumpanija;
    - (ii) in-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-OMI tas-sid irreġistrat u ta-kumpanija;
    - (iii) il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, kif irreġistrat taħt l-Iskema tan-Numru Uniku tal-Identifikazzjoni tal-Kumpanija u s-Sid Reġistrat tal-OMI;
    - (iv) l-indirizz tal-kumpanija;
    - (v) l-isem, it-titolu tal-impjeg, l-indirizz tan-negozju, id-dettalji tat-telefown u tal-posta elettronika ta' persuna ta' kuntatt;
    - (vi) l-awtorità amministrattiva responsabbli;
    - (vii) lista ta' bastimenti, li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, li huma taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' rappurtar, inkluż, għal kull bastiment, in-numru ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-OMI u n-

numru ta' identifikazzjoni uniku tal-kumpanija u tas-sid irreġistrat tal-OMI, kif ukoll il-perjodu li matulu l-bastiment kien taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija;

- (b) *data* relatata mal-verifika, kif ġej:
  - (i) l-isem tal-verifikatur;
  - (ii) l-indirizz tal-verifikatur;
  - (iii) in-numru tal-akkreditazzjoni tal-verifikatur;
  - (iv) il-korp nazzjonali ta' akkreditament li jkun akkredita lill-verifikatur;
  - (v) id-dikjarazzjoni tal-verifikatur;
- (c) is-somma tal-emissjonijiet aggregati totali ta' gassijiet serra tal-bastimenti kollha li għandhom jiġu rrapportati skont id-Direttiva 2003/87/KE kif iddeterminati fil-livell tal-bastiment f'konformità mal-Parti C, il-punti 1.1 sa 1.7, tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757, espressi f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> u diżaggregati skont il-gassijiet serra;
- (d) l-għadd totali tal-emissjonijiet aggregati totali ta' gassijiet serra tal-bastimenti kollha li għandhom jiġu rrapportati skont id-Direttiva 2003/87/KE kif iddeterminati fil-livell tal-bastiment f'konformità mal-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757, kif ikkalkulati f'konformità ma':
  - (i) il-parti C, il-punt 1.1, ta' dak l-Anness,
  - (ii) il-parti C, il-punti 1.1 u 1.2, ta' dak l-Anness,
  - (iii) il-parti C, il-punti 1.1 u 1.2 u 1.3, ta' dak l-Anness
  - (iv) il-parti C, il-punti 1.1 sa 1.4, ta' dak l-Anness,
  - (v) il-parti C, il-punti 1.1 sa 1.5, ta' dak l-Anness,
  - (vi) il-parti C, il-punti 1.1 sa 1.6, ta' dak l-Anness;
- (e) l-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-metodoloġija użata biex tiġi aggregata d-*data* dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, inklużi l-bidliet fil-metodoloġija meta mqabbla mal-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

## *Artikolu 2*

### **Determinazzjoni tal-emissjonijiet mill-awtorità amministrattiva responsabbli**

1. L-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tagħmel stima konservattiva tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda *data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji mill-kumpanija sal-iskadenza msemmija fl-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) 2015/757;
  - (b) id-*data* aggregata vverifikata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji msemmija fl-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) 2015/757 tinstab li mhix konformi ma' dak ir-Regolament;
  - (c) id-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji ma tkunx ġiet ivverifikata bħala sodisfaċenti f'konformita' mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2072<sup>4</sup>.
2. Meta verifikatur ikun ikkonkluda, fir-rapport ta' verifika skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) 2015/757, li jeżistu dikjarazzjonijiet skorretti mhux materjali u ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-kumpanija qabel ma toħroġ id-dikjarazzjoni ta' verifika, l-awtorita' amministrattiva responsabbli għandha tivvaluta dawk id-dikjarazzjonijiet skorretti, u fejn id-dikjarazzjonijiet skorretti jinstabu li huma materjali, għandha tagħmel stima konservattiva tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji.
  3. Meta l-awtorita' amministrattiva responsabbli tagħmel stima konservattiva tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, din għandha tinforma lill-kumpanija jekk ikunux meħtieġa korrezzjonijiet u liema jkunu. Il-kumpanija għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-verifikatur.
  4. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu *data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, meta dawk l-awtoritajiet ma jkunux l-istess.

### *Artikolu 3* **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

-

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2072 tat-22 ta' Settembru 2016 dwar l-attivitajiet ta' verifika u l-akkreditament tal-verifikaturi skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu (ĠU L 320, 26.11.2016, p. 5).

Magħmul fi Brussell, 12.10.2023

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*